# FIL-MORSA TAL-GWERRA:
## L-ASSEDJU TA' ĦAL LUQA, ĠURNATA B'ĠURNATA

## 1940

**2 ta' Mejju**

Għal skop ta' manuvri jibda jitħares il-*blackout* bejn l-għaxra ta' filgħaxija u ż-żerniq tal-għada.

**27 ta' Mejju**

Bħala miżura ta' sigurtà, jibda jitħares il-*curfew* bejn il-ħdax ta' bil-lejl u l-ħamsa ta' filgħodu.

**10 ta' Ġunju**

Benito Mussolini jiddikjara gwerra kontra l-Allejati. Malta, bħala kolonja Ingliża, tidħol immedjatament f'ħalq in-nar.

**11 ta' Ġunju**

Il-qawwa ta' l-ajru Taljana taħbat għal Malta għall-ewwel darba. Tinstema' għall-ewwel darba s-sirena f'Ħal Luqa. Jaslu l-ewwel refuġjati mill-Kottonera.

**13 ta' Ġunju**

Jaqgħu l-ewwel bombi fil-limiti ta' Ħal Luqa.

**26 ta' Ġunju**

Jaqgħu l-ewwel bombi fuq ir-raħal.

**6 ta' Lulju**

Jaslu fil-Parroċċa żewġ patrijiet Tereżjani mill-Qrendi, Patri Vincenz Zammit u Patri Ġeraldu Deidun.

**2 ta' Awissu**

Jaslu tnax-il ajruplan tal-ġlied tat-tip "Hurricane" fl-ajrudrom ta' Ħal Luqa. Minn dak in-nhar 'il quddiem, l-RAF bdiet tuża l-mitjar tar-raħal bħala bażi b'konsegwenzi koroh għal Ħal Luqa.

**3 ta' Settembru**

Is-Sur Ġużeppi Penza, surmast ta' l-iskola, jinħatar Assistent Distrettwali għal Ħal Luqa. Hu kellu jikkontrolla l-bejgħ ta' ħwejjeġ essenzjali li kienu diġà' qed jiskarsaw. Aktar tard, is-Sur Penza laħaq Uffiċjal tal-Protezzjoni.

**17 ta' Settembru**

Ħal Luqa dduq l-ewwel ħbit aħrax minn tnax-il Junkers Ju.87 Taljani.

**19 ta' Settembru**

Tressqet petizzjoni quddiem il-Gvernatur Sir William Dobbie mir-residenti ta' Wied il-Knejjes biex jibda t-tħaffir ta' xeltrijiet pubbliċi.

**22 ta' Settembru**

Imut l-ewwel Ħalluqi kaġun tal-gwerra. Dan kien Pawlu Magri, żagħżugħ ta' sittax-il sena li ntlaqat minn bomba hekk kif kien sejjer jistkenn fix-xelter ta' Grezzju Gatt ħdejn iċ-ċimiterju ta' San Tumas.

**30 ta' Novembru**

Saret il-festa ta' Sant'Andrija, b'anqas tiżjin ġewwa u bla ebda armar barra. Il-purċizzjoni ma ħarġitx iżda l-banda tal-King's Own Malta Regiment esegwiet programm fil-pjazza tal-knisja.

**24/25 Diċembru**

Il-festa tal-Milied fil-knisja saret bħas-soltu iżda minħabba l-*curfew* u l-*blackout* il-funzjoni ta' lejliet il-Milied bdiet fl-4 ta' wara nofs in-nhar flok nofs il-lejl. Nhar il-Milied, it-tfal tar-raħal kienu mistiedna għal festin fis-sala ta' l-iskola tal-Gvern.

# 1941

**16 ta' Jannar**

Dehret għall-ewwel darba fuq Malta l-*Luftwaffe* Ġermaniża. Dak in-nhar sar ħbit aħrax fuq il-Port il-Kbir, fejn kien hemm sorġut l-*aircraft carrier* HMS *Illustrious*.

**18 ta' Jannar**

Jaqgħu l-ewwel bombi Tedeski fuq ir-raħal. Madwar tmenin *bomber* tat-tip Junkers Ju.87 u Junkers Ju.88 ħabtu għal Ħal Far, imbagħad erħewlha lejn l-ajrudrom ta' Ħal Luqa. Dak in-nhar iġġarfu madwar 21 dar.

**21 ta' Jannar**

Twieldet l-ewwel tarbija Ħalluqija f'xelter.

**(?) ta' Jannar**

L-iskola Primarja tal-Gvern bdiet isservi bħala Kwartier ta' l-irqad għas-suldati Ingliżi. It-tagħlim kompla sejjer fi djar privati mxerrda mar-raħal kollu.

**3 ta' Frar**

L-iskola tal-Gvern reġgħet fetħet b'mod regolari wara li sfrattat ma' l-ewwel attakki Tedeski. F'xandira fuq ir-*Rediffusion* il-Gvernatur Dobbie tkellem dwar il-possibilità ta' invażjoni.

**21 ta' Frar**

Tħabbret il-liġi tal-lieva. L-irġiel Ħalluqin kollha ta; għoxrin u wieħed u għoxrin sena kellhom jingaġġaw fil-forzi armati.

**26 ta' Frar**

44 *bomber* tat-tip Junkers Ju.87 u Ju.88 ħabtu għall-ajrudrom. Tul l-attakk iġġarfu 31 dar, disgħa minnhom fil-misraħ, fosthom il-Każin "Sant'Andrija" li tista' tgħid inqered għal kollox. B'xorti tajba, il-Knisja Parrokkjali ħelsitha ħafif. Ħafna minn dawk li sfaw bla dar, telqu mir-raħal wara li spiċċa l-ħbit.

**4 ta' Marzu**

Bħala prekawzjoni, il-kwadri ta' Sant'Andrija, ta' Santa Marija, tar-Rużarju, ta' San Duminku u tal-Kurċifiss tneħħew mill-Knijsa u ttieħdu fil-Kunvent tad-Dumnikani r-Rabat.

**5 ta' Marzu**

Il-Ġermaniżi wettqu b'suċċess kbir attakk aħrax fuq l-ajrudrom. F'dan il-ħbit ħadu sehem madwar 60 *bomber* u 40 *fighter.*

**8 ta' Marzu**

Waslu r-raħal żewġ patrijiet Dumnikani, Patri Reġinald Debono u Patri Ambroġ Darmanin biex jgħinu fil-ħidma pastorali tal-Parroċċa. Huma damu hawn ħames xhur.

**1 ta' April**

Minn dak in-nhar 'il quddiem, l-uffiċjali tal-Protezzjoni bdew jiddedikaw il-jum kollu għall-qadi ta' din il-kariga.

**7 ta' April**

Beda r-razzjon. Fost ħwejjeġ essenzjali li bdew jitqassmu f'din l-iskema insemmu z-zokkor, il-kafè, is-sapun u s-sulfarini.

**29/30 ta' April**

F'dan il-lejl sar l-eħrex ħbit mill-ajru li gżiritna ġarrbet sa dak in-nhar. Waħda mill-mini ta' l-għadu radmet ix-xelter privat ta' Ċensu Ġerada. It-tletin ruħ maqbuda hemm ġew għaddew minn martirju sħiħ sakemm inħarġu minn taħt ir-rovini. B'xorti tajba kulħadd ħelisha ħafif.

**15 ta' Mejju**

Iġġarfu xi djar fi Triq Sant'Andrija. F'dan iż-żmien il-qilla tal-għadu kienet għoddha battiet u l-bombi mixħuta fuq ir-raħal saru anqas spissi.

**(?) ta' Awissu**

Tlesta t-tħaffir tax-xeltrijiet pubbliċi. Ħafna nies bdew jgħixu taħt l-art meta l-attakki reġgħu bdew jiħraxu. Qalb il-ħmieġ u r-rassa, il-ħajja kienet tassew iebsa. Ma' dawn kellhom jiżdiedu l-iskarsezzi ta' l-ikel u n-nuqqas ta' rqad.

**4/5 ta' Diċembru**

Il-*Luftwaffe* reġgħet bdiet turi snienha. Tul dan il-lejl l-ajru kien ħuġġieġa waħda.

**7 ta' Diċembru**

Saret il-festa ta' Sant'Andrija. Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jinkludu vespri mużikat u paniġierku. Il-banda tal-KOMR reġgħet esegwiet programm fil-misraħ tal-knisja.

# 1942

## 2 ta' Jannar

It-theddida ta' invażjoni reġgħet bdiet tidwi fil-beraħ wara li saret taħdita fuq it-tħejjijiet kontra attakk simili.

## 8 ta' Jannar

Jum traġiku għal Ħal Luqa. Il-ħbit ta' dak in-nhar ħalla xejn anqas minn sitt vittmi: Ġuża Psaila (25 sena), Marija Camenzuli (77), Pietru Vella (70), Tereża Sammut (68), Ġużeppi Penza (76) u Roża Vella (47). Iġġarfu wkoll għaxart idjar.

## 19 ta' Jannar

Bdew jiffunzjonaw il-Kċejjen tas-Soppa fid-distrett. Dawn kienu jipprovdu tisjir lil tar-*relief*.

## 12 ta' Frar

Sar attakk qawwi fuq l-ajrudrom. F'Ħal Luqa ġġarfu xejn anqas minn 29 dar filwaqt li 20 dar oħra ġarrbu xi ħsarat.

## 8 ta' Marzu

Bdiet l-eħrex offensiva mill-ajru kontra Malta li damet sejra bla waqfien għal xahar sħiħ. Dak in-nhar mietu żewġ Ħalluqin oħra: Pietru Farrugia (58 sena) u Pietru Saydon (45). Il-bombi reġgħu għamlu ħsara kbira.

## 20 ta' Marzu

L-attakki komplew jiħraxu. Madwar 170 ajruplan Ġermaniż kienu jtiru fuq Malta. F'April in-numru ġieli laħaq 300.

## 9 ta' April

L-aktar jum iswed tal-gwerra. Is-sirena daqqet fis-sagħtejn nieqes kwart ta' wara nofs in-nhar; kien il-242 sinjal ta' attakk mill-ajru. 60 *bomber* ħabtu għall-Port il-Kbir u l-ajrudrom. Disa' Junkers Ju.87 magħrufa aħjar bħala *Stukas* ħebbu għar-raħal b'konsegwenzi tal-biża'. 23 mit-32 ruħ li kien hemm jistkennu fix-xelter ta' Triq Papa Innoċenzju tilfu ħajjithom meta bomba tal-għadu nifdet il-blat u faqgħet ġiebja fil-qrib. Il-vittmi kollha kienu: Ġużeppa Abdilla (9 snin), Luċenzja Attard (41), Ġużeppi Attard (21), Salvina Attard (19), Indi Attard (8), Mikiel Attard (11), Toninu Attard (8), Kola Attard (6), Paskalina Attard (3), Karmnu Azzopardi (62), Franġisku Barbara (31), Ġanni Barbara (10), Indri Barbara (5), Karmena Barbara (10 xhur), Indri Farrugia (11-il sena), Salvu Farrugia (8) Rużar Farrugia (6), Ġużeppi Farrugia (5), Feliċissima Farrugia (38), Indri Farrugia (16-il xahar), Karmenu Farrugia (4 xhur) Ċikku Schembri (11-il sena) u Grezzju Schembri (53).

Żewġ persuni oħra, Ċensu Vella (20 sena) u Ġammari Ellul (51 sena) tilfu ħajjithom fl-istess jum bil-bombi li waqgħu fil-Wisgħa. Bombi oħra ġarrfu bosta djar fi Triq San Pawl, Triq id-Dokkiena, Triq Valletta, Triq il-Ġdida, Triq Santa

Marija, Triq San Ġużepp. Il-Każin tal-Banda Unjoni fi Triq Sant'Andrija ġarrab ħsarat kbar. Biss l-agħar ħsara ġarbitha il-Knisja Parrokkjali. Il-ġenb tar-Rużarju u l-altar tal-Qalb ta' Ġesù saru ħerba waħda. Il-koppla nfetħet u ntliet kollha konsenturi. Ir-*raiders past* ngħata fis-sagħtejn u tnax-il minuta. Hekk kif intemm l-attakk wasal Ħal Luqa l-Gvernatur Dobbie li ssorvelja l-ħidma tas-salvataġġ fi Triq Papa Innoċenzju.

**10 ta' April**

L-Isqof Mauro Caruana żar ir-raħal biex jeżamina l-ħerba fil-Knsija.

**15 ta' April**

Ir-Re Ġorġ VI ta 'l Malta l-ogħla ġieħ li setgħet tagħti l-Kuruna Ingliża b'rikonoxximent għall-qlubija kbira li l-poplu kien qed juri fi żminijiet hekk diffiċli.

**4 ta' Mejju**

L-Uffiċċju tal-Protezzjoni sar ħerba waħda. Reġgħet intlaqtet il-knisja u ġarrbet ħsara l-kupletta tal-Kappella tat-Twelid.

**5 ta' Mejju**

Ir-razzjon tal-ħobż kompla jonqos. Il-ġuħ kien qed jagħfas ġmielu.

**23 ta' Mejju**

Żewġ aħwa subien, Karmnu u Indi Farrudia, ndarbu b'bomba li sabu f'għalqa. Indri (8 snin) miet dak in-nhar stess.

**15 ta' Ġunju**

Fil-Port il-Kbir daħlu l-uniċi żewġ bastimenti tal-*convoy* li telaq minn-Ġibiltà. Il-karestija kienet ilha tagħfas mill-bidu tas-sena, iżda issa s-sitwazzjoni kienet f'xifer id-disperazzjoni.

**4 ta' Lulju**

Miet Indri Coleiro (55 sena) wara li ntlaqat minn bomba fi Triq il-Karmnu ħu u ġej lura mill-għalqa.

**14 ta' Lulju**

Fetħet l-ewwel *Victory Kitchen* f'Ħal Luqa. Dak in-nhar marru jieklu mat-300 ruħ. Il-Kċina kienet f'Nru 116 Triq San Ġużepp, biss aktar tard infetħu oħra fi Triq il-Karmnu, Triq San Pawl u Triq il-Ġdida. Il-*Victory Kitchens* taffew xi ftit l-għaks li kien jaħkem.

**19 ta' Lulju**

F'Misraħ il-Knisja, tlaqqgħet parata mill-voluntieri Ħalluqin taħt it-tmexxija ta' l. Penza. Huma ġew spezzjonati mill-Brigadier C.T. Beckett, Kap Kmandant tat-truppi f'Malta.

**23 ta' Lulju**

Miet Karmenu Mallia (75 sena) li ntradam fid-dar tiegħu f'Misraħ il-Knisja. Kien l-aħħar vittma tal-gwerra.

**26 ta' Settembru**

Il-midalja tal-*George Cross* nġiebet Ħal Luqa mill-Kummissarju tal-Pulizija Kissaun. Il-kappillan Dun Ġużepp Debono għamel diskors ta' l-okkażjoni filwaqt li l-banda tal-Lancashire Fusiliers daqqet l-innijiet ta' Malta u l-Ingilterra.

**11 ta' Ottubru**

Il-*Luftwaffe* bdiet l-aħħat attakk tagħha fuq Malta.

**13 ta' Ottubru**

Iġġarfet l-aħħar dar fir-raħal. Matul il-gwerra kollha hu kkalkolat li nqerdu madwar tmenin fil-mija tar-residenzi lokali.

**27 ta' Ottubru**

Waqgħet l-aħħar bomba fuq ir-raħal li m'għamlet ebda ħsara.

**6 ta' Diċembru**

Saret il-festa ta' Sant'Andrija. It-tielet festa tul il-gwerra kellha ssir qalb it-tiġrif tal-knisja iżda ċ-ċelebrazzjonijiet interni saru bil-pompa tas-soltu. Filgħaxija daqqet il-banda tar-RMA.

# 1943

**31 ta' Jannar**

Twieldet l-aħħar tarbija fix-xelter.

**8 ta' Mejju**

Intemm it-tieni assedju. Il-Ħalluqin infexxew f'dagħdiegħa ta' ferħ u daqqew il-qniepen tar-rebħa.

NOTA:

Matul il-gwerra, mietu ħames Ħalluqin oħra li madankollu tilfu ħajjithom waqt li kienu qed jaħdmu barra r-raħal. Il-vittmi kienu: Ġorġ Zahra (49 sena – 8/4/41), Karmnu Gatt (51 sena – 7/5/41), Saver Demicoli (15-il sena – 29/12/41), Xandru Bonnici (39 sena – 24/3/42) u Lorry Cassar (19-il sena – 7/4/42)
Il-parti l-kbira ta' din l-informazzjoni hi msejsa fuq iż-żewġ xogħlijiet ta' Dun Ġużepp Micallef: "Raħal fi Gwerra" (1978) u "Ħal Luqa, Niseha u Ġrajjietha" (1975).

**Mario Cassar**